# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 2 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs.**

**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Azzopardi ta' 36 sena bin Carmelo u Fransina nee Caruana imwieled Hal-Qormi fit-13 ta' Jannar 1970 u residenti Blokk VI, Flat 8, Triq il-Gnien, Santa Lucia detentur ta' ID Card No. 106470(M)

Akkuzat talli:

(1) F'Hagar Qim, limiti tal-Qrendi, matul il-lejl tal-10 u 11 ta' Frar, 2006, bil-hsieb li jaghmel hsara lil diversi ufficjali tal-Pulizija, akkuzahom quddiem Awtorita' kompetenti, b'reat filwaqt li kien jaf li dawn l-ufficjali tal-Pulizija huma innocenti bi ksur tal-artikolu 101 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

(2) Akkuzat ukoll talli bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu kien hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, ikunu jistghu 'il quddiem jiswew bi

prova kontra ufficjali tal-Pulizija, bil-hsieb li b'hekk dawn l-ufficjali tal-Pulizija ikunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat bi ksur tal-artikolu 110 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Akkuzat ukoll talli iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma kienx sar, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, bi ksur tal-artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) Akkuzat ukoll talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra ufficjali tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti bi ksur tal-artiklu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Akkuzat talli ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' ufficjali tal-pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-artiklu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) Akkuzat ukoll talli fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f'dagha bi ksur tal-artiklu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) Akkuzat talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, glied jew mod iehor bi ksur tal-artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) U talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' ufficjali tal-Pulizija li kienu inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliehomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li huma kienu ghamlu skond il-ligi, bi ksur tal-artiklu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu hekk decizi u ttrattati.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-imputat dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma totalment opposti. Ghaldaqstant, il-Qorti sejra tirriproduci iz-zewg verzjonijiet fil-qosor, sabiex il-konsiderazzjonijiet taghha fil-meritu jistghu jinftehmu ahjar.

*Il-Verzjoni tal-Prosekuzzjoni*

1. Fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2006, PC1269 Louis Tabone u PC 751 Joseph Borg kienu fuq patrol, u gew ordnati biex imorru gewwa Hagar Qim Restaurant, ghax kien hemm glieda kbira.
2. Meta waslu fuq il-post sabu kollox normali u l-glieda kienet ikkwietat. Ghalhekk gew ordnati imorru lura, sabiex l-investigazzjonijiet isiru mill-Pulizija tad-divizjoni.
3. Il-karozza kien qed isuqha PC 1269 Louis Tabone, u PC 751 Joseph Borg kien passiggier. Meta din il-karozza kienet giet misjuqa xi 100 metru l-boghod mir-restaurant, giet imblukkata minn karozza ohra zghira.
4. L-imputat nizel minn din il-karozza u mar fuqhom u beda jghidilhom illi ried jaghmel tfittxija fuqhom ghax kienu serqulu cappetta tad-deheb li tiswa LM1500. L-imputat, il-mara tieghu u t-tfal bdew joffenduhom u jghajjruhom hallelin.
5. L-imputat deher ser igib xi haga minn gol-vettura tieghu, u ghalhekk PC 1269 u PC 751 nizlu biex jarrestawh, pero l-imputat irrezista l-arrest. PC 751 u l-imputat waqghu bejn il-hajt u l-bieba waqt l-arrest, u bdew jaslu aktar familjari tal-imputat.
6. Finalment gie kkontrollat u arrestat, u l-imputat kellu jittiehed il-Polyclinic ghax garrab xi griehi.

*Il-Versjoni tal-Imputat*

1. L-imputat jghid li hu kien mar jiekol f'restaurant Hagar Qim flimkien mal-mara u t-tfal tieghu, u familjari ohra taghhom.

2. Inqala' xi glied fuq mejda ohra, u l-imputat irrabja peress li kellu t-tfal zghar u ta daqqa ta' ponn fuq il-mejda. Sussegwentement hu u l-familja tieghu telqu mir-restaurant. Sa dak il-hin ma kienux gew Pulizija fuq il-post.
3. Kif kienu f'nofs it-triq lejn id-dar, induna li kienet waqghetlu c-cappetta tad-deheb, li kienet tiswa madwar LM1500, u ghalhekk il-mara tieghu, li kienet qed issuq il-karozza dawret ir-rotta u regghet saqghet lejn ir-restaurant.
4. Fit-triq dejqa li taghti ghar-restaurant, iltaqa' ma karozza tal-*mobile unit*, u waqqafha u talab lill-Pulizija ta' go fiha biex imorru mieghu r-restaurant biex ifittex ic-cappetta. Il-Pulizija li kien riekeb ta' passiggier, cioe PC 751 Joseph Borg, qallu li kien hemm aktar pulizija hdejn ir-restaurant, fosthom surgent, u qallu biex jghid lilhom. Dan il-Pulizija beda jitkellem hazin, u qallu li hu se jibqa' sejjer.
5. L-imputat baqa' jinsisti li kellhom imorru mieghu, u spiccaw jargumentaw. Il-Pulizija li kien xufier saq il-vettura u sakkru bejn iz-zewg vetturi. PC 751 nizel mill-karozza, pogga revolver ma' rasu u beda jheddu li kien se jisparalu, u qabad jaghtih bir-revolver fuq rasu. PC 1269 nizel ukoll mill-vettura u beda jaghtih ukoll. Huma xehtuh mal-art u bdew ituh. Hu jghid li membri ohra tal-Pulizija nizlu hdejhom, ukoll bdew ituh bis-sieq, imma ma kienx f'posizzjoni jghid min kienu.
6. L-imputat jghid li resaq lejn il-karozza tieghu, waqt l-argument mal-Pulizija, biex jitlaq, peress li l-mara tieghu kienet qed issuq.
7. Konsegwenza ta' dan l-incident, l-imputat sofra, nefha madwar ghajnejh it-tnejn, qasma zghira fuq l-ghajn tax-xellug, li kellha bzonn zewg punti, nefha kbira madwar imniehru, u kellu d-demm hiereg minn imniehru u minn halqu. Meta ttiehed l-isptar hu allega wkoll li qed jara cpar mill-ghajn tax-xellug.
8. Ic-cappetta nstabet fir-restaurant maqsuma fi tnejn, mill-qraba tal-imputat li telghu ifittxuha.[1]

**Konsiderazzjonijiet Dwar Htija**

*<u>Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputat</u>*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta l-istqarrija tal-imputat, stante li dak iz-

[1] Ara xhieda ta' PS 849 Ivan Curmi a fol. 39 tal-process.

zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Pero fil-kaz odjern, l-imputat ghazel li jitla' jixhed u fil-prezenza tal-abbli avukat difensur tieghu ikkonferma bil-gurament il-kontenut tal-stqarrija tieghu. In vista tal-fatt li l-imputat ikkonferma bil-gurament, debitament assistit minn avukat, l-istqarrija li hu kien irrilaxxa lill-Pulizija, qabel kellhu l-opportunita' li jiehu parir legali, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet kontra l-imputat fil-meritu.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

Il-Qorti tibda biex tosserva li ghalkemm il-Pulizija li ttellghu biex jixhdu kollha qalu li gew imsejha imorru fil-Hagar Qim Restaurant ghaliex inqalghet glieda, huma kollha xehdu li meta waslu fuq il-post, is-sitwazzjoni kienet diga ikkalmat, tant, li kollha bdew jitilqu lura u baqghu biss il-Pulizija tad-distrett. Mix-xhieda taghhom, jirrizulta wkoll li l-imputat u l-familja tieghu ma kienux hemm meta waslu l-Pulizija. Il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova dwar kif inqalghet din il-glieda u min kien involut fiha, u senjatament jekk l-imputat kienx b'xi mod involut.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li *"inqala' misunderstanding bejni u ragel iehor u wara tlaqna il-barra. L-argument inqala' fl-inhawi ta' barra, cioe fil-bitha. Sa dak i-hin ma kienux gew il-Pulizija."*. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid, li waqt li kienu r-restaurant kien hemm zewg terzi persuni li bdew jiggieldu. Peress li hu kellu mieghu liz-zewg uliedu zghar, irrabja ghax beza' li se jwegghulu lit-tfal, u ta daqqa ta' ponn fuq il-mejda. Ma ndunax li bid-daqqa' li ta kien laqat il-lock tac-cappetta li kien liebes, u qabad u telaq mir-restaurant. Din il-versjoni giet ikkorroborata mill-mara tieghu Sharon Azzopardi, waqt ix-xhieda taghha. Il-versjoni tal-imputat waqt ix-xhieda tieghu u dik li ta fl-istqarrija m'humiex necessarjament konfliggenti, u fi kwalunkwe kaz min imkien ma jirrizulta li l-imputat kien involut f'lotta fizika waqt li kien fir-restaurant.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti tqis li l-versjoni li ta l-imputat dwar l-incident li sehh fir-restaurant, giet ippruvata mill-imputat fuq bazi ta' probabilita.

Rigward l-allegat incident li sehh bejn l-imputat u l-Pulizija fit-triq, circa mitt (100 metru) il-boghod mir-restaurant, m'hemmx konsistenza bejn ix-xhieda tal-Pulizija dwar dak li gara.

PS 849 Ivan Curmi xehed li meta nizel fejn kien qed isir l-argument *"rajthom qed jimmanettjawh u jdahhluh gol-karozza"* – b'riferenza ghall-imputat. Ma jirrizultax li l-imputat kien qed jaghmel xi rezistenza lill-Pulizija. Pero in kontro-ezami, jghid li kien hemm hafna konfuzjoni u hafna ghajjat. Jghid ukoll li ma rax Pulizija b'armi f'idejhom.

PC1278 Paul Zammit xehed li hin minnhom hu u PS 849 semghu hafna ghajjat u dagha gej min-naha t'isfel tat-triq, u huma marru hemm biex jassistu. Imbaghad jghid hekk *"U nsibu lill-akkuzat ... ... qed jigi mmanettjat u imdahhal fil-karozza tal-pulizija."* Hu jghid li kien hemm hafna Pulizija ghax il-Pulizija li kien hemm fuq, cioe fir-restaurant, imbaghad nizlu isfel fit-triq, pero kienu zewg Pulizija li mmanettjawh u dahhluh fil-karozza. Hu xehed ukoll li ma rax lill-imputat jaqla' d-daqqiet.[2]

PC 233 Adrian Chetcuti jghid li meta wasal hu *"l-imputat kien qed jirrezisti l-arrest ma' zewg membri tal-SAG."* Ghalkemm jghid li fil-hin li kien hemm hu ma rax membri tal-korp tal-Pulizija isawwtu lill-imputat, u lanqas ra li kellu d-demm fuqu, fl-istess hin jghid, li dak il-hin kien mohhu biex jikkalma lill-familjari li bdew gejjin, u ma kienx qed ihares fid-direzzjoni tal-imputat.[3]

PS 1451 Stephen Crisp xehed li meta nizel isfel fit-triq ra lill-imputat qed jirrezisti l-arrest: *"Kien as such ma l-art wiccu l-isfel u kien hemm PC1269 qed jipprova jaghmillu l-manetti u PC751 kien qed izommu minn wara ghax kien qed jirrezisti li jaghmlulu l-manetti. Imbaghad ghamlulu l-manetti, qajjmuh ... ... u gie mehud l-ghassa z-Zurrieq."* Ix-xhud ma setghax jikkonferma jekk l-imputat kellux demm jew le fuqu.[4]

---

[2] Ara xhieda a fol. 44-45 tal-process.
[3] Ara xhieda a fol. 51-54 tal-process.
[4] Ara xhieda a fol. 56-57 tal-process.

Huwa ovvju li x-xhieda ta' PS 849 u PC 1278 ma taqbilx ma' dik ta' PC 233 u PS 1451, ghaliex fil-waqt li l-ewwel zewg Pulizija imkien fix-xhieda taghhom ma jghidu li l-imputat kien qed jirrezisti l-arrest u ntuzat il-forza mill-Pulizija li kienu qed jarrestawh, iz-zewg Pulizija l-ohra xehdu li l-imputat kien qed jirrezisti l-arrest u kellha tintuza l-forza.

PC 1269 Louis Tabone – li flimkien ma' PC 751 Joseph Borg – kellhom l-inkontru dirett mal-imputat – xehed li hu kien qed isuq il-vettura tas-servizz u giet vettura ta' ghamla zghira u sakkrithom mal-hajt *"Nizel persuna li huwa Joseph Azzopardi minnha u gie n-naha tieghi, in-naha tax-xufier ghax jien kont qed insuq il-vettura u beda jghidli, rrid naghmillek search fuqek, kemm fuqi u kemm fuq PC 751 ghax sraqnilu beda jghid cappetta ta' Lm1,500. Beda jidghi b'Alla u bil-Madonna u joffendina u jghajjarna hallelin flimkien mal-mara tieghu u zewgt itfal li kienu qeghdin fil-vettura dak il-hin. Minn dak il-hin Joseph deher ser igib xi haga minn gol-vettura tieghu, inzilna jiena u PC 751 biex narrestawh, pero rrezista l-arrest tieghu. PC 751 u Joseph Azzopardi waqghu bejn il-hajt u l-bieba waqt l-arrest u dak il-hin bdew jaslu iktar familjari tieghu. ... ... Minn hemmhekk morna l-lock up, wara morna l-polyclinic u ergajna morna l-lock up lura."*[5]

PC 1269 jghid li l-feriti li kellu l-imputat sofrihom fil-glieda li kien involut fiha gewwa Hagar Qim Restaurant. Pero in kontro-ezami, PC1269 jammetti li hu qed jassumi li l-griehi garrabhom fil-glieda li saret fir-restaurant, ghax hu ma kienx prezenti ghal din il-glieda. PC1269 jichad li PC 751 hareg ir-revolver fil-prezenza tieghu, u qabel arrestaw lill-imputat bdew ituh. Pero jammetti li tefghuh mal-art biex seta' jsir l-arrest.

Ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-process, il-Prosekuzzjoni ma deherilix li kellha ttella' jixhed ukoll lil PC 751 – l-ufficjal tal-Pulizija li l-imputat jallega li kien l-iktar arroganti u vjolenti mieghu.

Min-naha l-ohra, rigward il-versjoni moghtija mill-imputat, din il-Qorti lanqas tista' tifhem ghalfejn l-imputat kellu jwaqqaf karozza tal-Pulizija u jitlobhom jassistuh ifittex cappetta li kien tilef – dan certament mhux il-kompitu tal-Pulizija, u l-imputat stess jammetti li PC 751 qallu li fir-restaurant kien hemm iktar Pulizija li setghu jghinuh. Wisq inqas din il-Qorti tista' tifhem ir-raguni ghalfejn l-imputat kompla b'persistenza jinsisti maghhom biex imorru

[5] Ara xhieda a fol. 59 – 63 tal-process.

mieghu jassistuh ifittex ic-cappetta. Fil-fatt, fl-istqarrija tieghu jammetti li hu kien irrabjat ghax ma bediex isib koperazzjoni minnhom. Kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid meta staqsihom ghall-ghajnuna PC 751 tkellem hazin u qallu li huma se jibqghu sejrin, meta fl-istqarrija tieghu, l-imputat gie mistqosi kif irreagixxew il-Pulizija meta waqqafhom, l-imputat wiegeb *"Kienu normali. In fatti il-passigier* (cioe PC 751) *qalli li kien hemm is-surgent u li huma kienu sejrin l'hemm."* Dan il-Qorti qed tghidu biex il-kaz jitpogga fil-perspettiva kollha tieghu.

Pero, hawn qieghdin fil-kamp kriminali, u hi l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-imputazzjonijiet maghmula minnha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, u l-imputat m'ghandu bzonn jipprova xejn – anzi ghandu d-dritt li jibqa' sieket. Il-Qorti ma ssibx il-verzjoni tal-fatti li ta PC1269 Louis Tabone wahda kredibbli, u dan ghal diversi ragunijiet:

1. Mill-provi jirrizulta li l-imputat sofra diversi griehi f'wiccu, uhud ta' natura gravi. Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kien involut f'xi glieda fizika fir-Restaurant u ghalhekk il-griehi ma setghux saru hemm. Li kieku l-imputat kellu dawn il-griehi fuqu, meta mar javvicina lil PC1269 Louis Tabone, din il-Qorti m'ghandix dubbju li PC1269 kien jirrimarka dan il-fatt mal-ewwel. Minflok, fix-xhieda tieghu jghid li l-imputat sofra dawn il-griehi fil-glieda li kien involut fiha fir-Restaurant, biex imbaghad in kontro-ezami jispicca biex jammetti li din kienet assunzjoni tieghu.

2. Il-fatt li PC 751 - li kontrih l-imputat ghamel allegazzjonijiet serji hafna ma tressaqx biex jixhed – huwa nuqqas serju tal-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti bil-fors ikollha tistaqsi ghaliex il-Prosekuzzjoni ma tellghetx lil dan ix-xhud tant importanti biex jixhed.

3. Il-versjoni ta' PC 1269 li l-imputat waqqafhom ghaliex ried jaghmel tfittxija fuqhom ghax allega li serqulu c-cappetta tad-deheb, mhix kredibbli. L-ebda bniedem f'sensih, sakemm ma jkunx xurban – u ma ngabet l-ebda prova li l-imputat kien xurban – m'hu se jwaqqaf karozza tal-Pulizija biex jaghmel tfittxija fuq zewg ufficjali tal-Pulizija. Dan aktar u aktar, meta wiehed jikkunsidra li mhux kontestat li meta dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija waslu fir-Restaurant, l-imputat u l-familja tieghu kienu diga telqu minn hemm. Allura kif seta' l-imputat ragonevolment iwahhal fihom li serqulu c-

cappetta, meta kien hemm tant nies ohra fir-Restaurant, u fi kwalunkwe kaz, il-Pulizija ma kienux ghadhom waslu, meta hu telaq mir-Restaurant.

4. Il-Qorti hija moralment konvinta – li kienet x'kienet ir-raguni ghalfejn l-imputat waqqaf il-karozza b'dawn iz-zewg Pulizija – il-konversazzjoni bejniethom skalat, u ntuzat forza eccessiva – jekk ghall-grazzja tal-argument biss kien qatt il-bzonn l-uzu tal-forza - fuq l-imputat. PC1269 jghid li kellhom juzaw il-forza necessarja ghaliex l-imputat kien qieghed jirrezisti l-arrest. Pero PC 1269 ma jikkontestax li lill-imputat tefghuh mal-art biex sar l-arrest. Dan hu korroborrat minn xhieda ohra tal-Pulizija li l-imputat gie mmannettjat waqt li kien wiccu mal-art. Il-feriti, uhud minnhom ta' natura gravi, li sofra l-imputat huma koncentrati f'wiccu u f'ghonqu. Pero dawn il-feriti ma humiex kompatibbli ma griehi li seta' garrab wiccu l-isfel mal-art, kif jipprova jispjega PC 1269 fix-xhieda tieghu, iktar u iktar meta dan ix-xhud jghid li huma ma kaxkrux lill-imputat mal-art. In-nefha madwar l-ghajnejn it-tnejn tal-imputat u l-qasma zghira fuq l-ghajn tax-xellug, li kellha bzonn ta' zewg punti, huma biss kompattibbli ma daqqiet fuq il-wicc tal-imputat, possibilment b'oggett iebes.

5. Huwa wkoll rilevanti, li minkejja din l-allegata rezistenza aggressiva kollha li ghamel l-imputat ghall-arrest, mill-atti jirrizulta li la PC 751 u PC 1269, u lanqas *del resto* xi ufficjal tal-Pulizija iehor ma sofrew xi feriti, lanqas hfief – kif qed jigi allegat f'wahda mill-imputazzjonijiet.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, jirrizulta car, li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielha tipprova l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Robert Bugeja**

**Magistrat** **Deputat Registratur**